MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 176/2006

Abigail Aquilina
vs
Mario Scerri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet involuta f'incident awtomobilistiku li ssucceda nhar id-9 ta' Settembru 2004 fit-3.30 p.m. quddiem ic-Cimiterju ta' l-Addolorata Paola, meta r-rikorrenti kienet qed issuq karozza tal-marka Citroen Saxo Nru. tar-reg. SAX024 u l-intimat kien qed isuq xarabank DBY318, proprjeta` ta' Jospeh Polidano.

2. Illi dan l-incident issucceda tort unikament ta' l-intimat u dan minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

3. Illi a kawza ta' l-incident, ir-rikorrenti sofriet danni anke fuq persuntha u dan kif kien ser jigi pruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident issucceda tort unikament ta' l-intimat u dan minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tiddikjara li a kawza ta' l-incident ir-rikorrenti sofriet danni.

3. Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax, u l-intimat gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat id-digriet tal-14 ta' Dicembru 2007 li bih gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala espert mediku.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrenti <u>Abigail Aquilina</u> li fih issemma li dak in-nhar tal-incident kienet qed issuq karozza Citroen Saxo nru ta' Reg SAX024. Kienet fi triqitha lura lejn id-dar u kienet ghadha kemm spiccat mix-xoghol. Dak iz-zmien hi kienet tahdem gewwa l-fabbrika tad-Denim. Hi u niezla n-nizla ta' l-Addolorata, harget xarabank numru DBY318 u proprjeta` ta' Joseph Polidano minn go ***side street*** u minghajr ma waqfet baqghet hierga ghal got-triq li kienet nizla minnha hi. Dak il-hin ta' l-incident ix-xarabank kien qed isuqha Mario Scerri. Qalet li hu baqa' hiereg minn go ***stop sign***. Hi kienet niezla bil-***free*** u ezatt kif hareg hu baqa' diehel fuqha u laqatha ezatt fuq il-***bonnet*** u l-***mudguard*** tal-karozza taghha. Id-

daqqa giet fuq in-naha taghha u qalet li ntilfet minn sensiha. Kif giet f'sensiha kien hemm xi nies madwarha. Cemplu lil ***warden*** u s-sewwieq tax-xarabank cempel lil sid ix-xarabank. Hi cemplet lil hutha u qaltilhom biex imorru ghaliha ghax kienet involuta f'incident. Qalet li dakinhar ta' l-incident ma' kenitx daqstant mugughha, pero` l-ghada kellhom jehduha l-isptar ghax mal-lejl anqas felhet ticcaqlaq. Ezaminaha tabib u qalilha li kienet biss il-***headrest*** li salvatha milli tikser ghonqha. Bid-daqqa li kienet qalghet it-tabib sabilha '***wishbone***'. Kienet ghamlet iktar minn xahar fil-kullar u kellha torqod fuq l-injam u mhux fuq saqqu. Qalet li wara ftit jiem marru ghand it-tabib Charles Grixti u ezaminaha u kien qalilha biex taghmel xi esercizzji u baqa' jaghmlilha vizti ghandu. Hi kienet marret tkellem lill-avukat taghha u kitbu xi ittri legali. L-avukat kien qalilha wkoll biex tghid lit-tabib Grixti jaghmlilha rapport u kien taha 6% dizabilita`. Qalet li hi ghadha tkun mugughha hafna u la tista' ddum bil-qieghda u lanqas bil-wieqfa.

Rat ir-rapport ta' Mr. Carmel Sciberras li fih semma:

"Ezami – 02/02/07 : Tfajla tidher b'sahhitha. Timxi tajjeb

Ghonq: Ftit iebes fil-movimenti kollha. Ma kienx hemm ugigh fl-ebda post madwar l-ghonq.

Spallejn: Movimenti shah – minghajr ugigh.

Dirghajn: Jien ma stajt insib l-ebda evidenza ta' djufija fiz-zewg dirghajn. Neurologija – shiha.

Dahar: Movimenti shah minghajr ugigh.
SLR 90/90.

Riglejn: Normali.

IMPRESSJONI: Jidher li s-sinjurina Aquilina garrbet xi ftit tal-hsara fil-tessuti rotob ta' l-ghonq. Min jigrilu hekk, x'aktarx jibda jilmenta minn xi ftit ghebbusija u ghejja hekk kif jerfa' jew iqanqal hwejjeg tqal jew inkella joqghod ghal hafna hin b'rasu baxxuta.

DIZABILITA`: 2% (tnejn fil-mija)."

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Irrizulta li l-intimat debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni baqa' kontumaci. Izda fil-gurisprudenza nostrana kontumacja hija oppozizzjoni u ghalhekk jinkombi xorta wahda fuq din il-Qorti li tezamina l-aspetti kollha tal-kaz.

### ***C1. Responsabbilta`:***

Din il-kawza tirreferi ghal talba dwar responsabbilta` ta' incident stradali b'kollizjoni bejn vettura misjuqa mir-rikorrenti Citroen Saxo Numru ta' Registrazzjoni SAX024 u x-xarabank misjuqa mill-intimat DBY318 li kawza ta' l-istess incident ir-rikorrenti sofriet griehi. It-tabib ***ex parte*** kien indika li "***I rate her permanent residual disability at 6%***", skond Mr. Charles Grixti. Il-konsulent ortopediku nominat mill-Qorti, Mr. Carmel Sciberras qies li d-dizabilita` hija ta' 2%. Irrizulta li x-xarabank kellha ***stop sign*** izda xorta wahda baqghet ghaddejja u saret il-kollizjoni. Dan iwassal ghall-fatt li ma kienx hemm ***a proper look out*** da parti tal-intimat u li tali sewqan kien negligenti u perikoluz. Fir-rapport tal-pulizija a fol 4 tal-process, fid-***driver's statement*** dan jghid li hareg minn fuq l-i***stop sign*** u ma kien gej hadd. Sema' ***brake*** u sab il-vettura tar-rikorrenti go fih. Irrizulta li bhala kundizzjonijiet dik il-gurnata l-vizibilita` kienet tajba u l-art kienet xotta. Meta wiehed ihares lejn l-iskizz a fol 5, il-verzjoni tal-intimat ma taghmilx sens u b'ebda mod ma rrizultat xi velocita` qawwija li tiggustifika li l-intimat ma jarax il-vettura tar-rikorrenti f'kundizzjonijiet ta' art xotta u vizibilitza` tajba meta hu hareg minn ***stop sign***. Probabbilment ma kien b'ebda mod waqaf qabel ma hareg u din kienet il-kawza tal-incident. Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li jahti ghall-incident in kwistjoni l-intimat .

### ***C2. Damnum Emergens:***

Irrizulta li r-rikorrenti sofriet hsarat fil-karozza ta' Lm284.09 (Dok AB2). Sofriet ukoll hlas ta' certifikat mediku tat-tabib, Lm80 (Dok AB4); viziti ghand it-tabib Lm44 (Dok AB3); medicini Lm31 (Dok AB5).

Ghalhekk id-***damnum emergens*** iwassal ghal LmLm439.09.

***<u>C3. Lucrum cessans:</u>***
Jirrizulta li r-rikorrenti kellha 22 sena fid-data tal-incident u kellha paga ta’ Lm3068 (Lm59 x 52) fis-sena.

***Multiplier***
Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-***"chances and changes of life"***, b’mod li dan il-***multiplier*** ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta` tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-***Multiplier*** mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-*multiplier* adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi

applikat ghal fini tal-*multiplier* u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Butler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-***gergo*** huma maghrufa bhala ***'lucrum cessans'*** - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-***multiplier*** adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena

**Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ ***Multiplier***. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ ***multiplier*** kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi tqis li ghandha tadopera ***multiplier*** ta’ 30 ghall-kaz in ezami.

***Paga u gholi tal-hajja***
Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b’LM104 ghal 30 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (3068) u dak tal-ahhar salarju (3120 + 3068 = 6188) ossia 3068 + 6188 = 9256 / 2 = 4628] u jwassal ghal Lm4628. Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***Disabilita`***
Mir-rapport mediku ta’ Mr. Sciberras [fol 38 et tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tar-rikorrenti hija ta’ 2%.
***Lump Sum Payment***
Spiss l-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment***. Dan hu dipendenti minn kemm ikunu ghaddew numru ta’ snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***"
– **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami dan fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 18%.

***Kunsiderazzjonijiet ohra***
Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans***
Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tar-rikorrenti inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal Lm4628;
II. Irid jitqies ***multiplier*** ta' 30. Dan igib l-ammont ta' Lm138840;
III. Il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 2% u ghalhekk jammonta ghal Lm2777;
IV. Wara jrid jitnaqqas 18% tal-***lump sum payment*** u dan iwassal ghal Lm2278;
V. Ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' Lm439.09 u dan iwassal it-total ghal Lm2717.09.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-incident imsemmi tad-9 ta’ Settembru 2004. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza ta’ l-incident imsemmi fl-ammont ta’ Lm2717.09.

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------